



## KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 21.11.2006  
KUMM(2006) 702 finali

Proposta għal

### **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li temenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju definitiv ta' kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi tal-kameras tat-television li joriġinaw fil-Ġappun**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

<b>1) KUNTEST TAL-PROPOSTA</b>	
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Raġunijiet u għanijiet tal-proposta</b><p>Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 ("ir-Regolament bażiku") u li jimmira li jinkludi s-sistemi ta' kameras tat-television f'Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. Dan l-anness fih lista ta' sistemi ta' kameras tat-television li, minkejja li jaqgħu fid-deskrizzjoni tal-prodott, ma jistgħux jitqiesu bħala sistemi ta' kameras għax-xandir u għalhekk iridu jiġu eżentati mid-dazju ta' kontra d-dumping.</p></li></ul>
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Kuntest ġenerali</b><p>Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skond ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.</p></li></ul>
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta</b><p>Ma hemm l-ebda dispożizzjoni eżistenti fil-qasam tal-proposta.</p></li></ul>
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni</b><p>Mhux applikabbli.</p></li></ul>
<b>2) KONSULTAZZJONI MA' PARTIJIET INTERESSATI U STIMA TA' L-IMPATT</b>	
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Konsultazzjoni ma' partijiet interessati</b></li></ul>
	<p>Il-partijiet interessati kkonċernati fil-proċediment digħi kellhom il-possibbiltà li jiddefdu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.</p>
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Ġbir u użu ta' għarfien espert</b></li></ul>
	<p>Ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' għarfien espert estern.</p>
	<ul style="list-style-type: none"><li><b>Stima ta' l-impatt</b><p>Din il-proposta hija r-riżultat ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku.</p><p>Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix stima ġenerali ta' l-impatt, iżda fih lista eżawrijenti ta' kundizzjonijiet li jridu jkunu vvalutati.</p></li></ul>

### 3) ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

	<ul style="list-style-type: none"> <li><b>Sommarju ta' l-azzjoni proposta</b></li> </ul> <p>Il-Kummissjoni rċeviet rikiesta minn produttur esportatur Ġappuniż ta' sistemi ta' kameras tat-television sabiex iżid mudell ta' sistema ta' kamera professjonal li għalhekk teżentah mill-applikazzjoni tad-dazju.</p> <p>Dan il-mudell kien meqjus bħala sistema ta' kamera professjonal li għandha tiġi eżentata mill-applikazzjoni tad-dazju. Għalhekk qiegħed jiġi propost li jiġi eżentat il-mudell esportat mill-Hitachi taħt l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 u konsegwentement jiżdied ma' l-Anness.</p> <p>Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-Kunsill jadotta l-proposta għal Regolament meħmuża.</p>
	<ul style="list-style-type: none"> <li><b>Bażi ġuridika</b></li> </ul> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 tal-21 ta' Diċembru 2005.</p>
	<ul style="list-style-type: none"> <li><b>Prinċipju tas-sussidjarjetà</b></li> </ul> <p>Din il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għaldaqstant ma japplikax.</p>
	<ul style="list-style-type: none"> <li><b>Prinċipju tal-proporzjonalità</b></li> </ul> <p>Il-proposta hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.</p>
	<p>Il-forma ta' l-azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq, u ma tħalli l-ebda ambitu għal deċiżjonijiet nazzjonali.</p>
	<p>Mhijiex applikabbli l-indikazzjoni tal-mod kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq il-Komunità, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritatiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u c-ċittadini jiġi mminimizzat u jkun proporzjonal għall-għan tal-proposta.</p>
	<ul style="list-style-type: none"> <li><b>L-għażla ta' l-istruмент</b></li> </ul>
	<p>L-istruмент propost: regolament.</p>
	<p>Mezzi oħra ma jkun adattati għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.</p> <p>Ir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq ma jipprevedix għażi alternativi.</p>

**4) IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

## Proposta għal

### REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li temenda l-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li jimponi dazju definitiv ta' kontra d-dumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi tal-kameras tat-television li joriġinaw fil-Ġappun**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea<sup>1</sup>, ('ir-Regolament bażiku'),

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kunitat Konsultattiv,

Billi:

#### A. PROĊEDURI TA' QABEL

- (1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1015/94<sup>2</sup>, impona dazju definitiv ta' l-antidumping fuq importazzjonijiet ta' sistemi tal-kameras tat-television ('TCS') li joriġinaw fil-Ġappun
- (2) F'Settembru 2000, il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000<sup>3</sup> ikkonferma d-dazji defenitivi ta' kontra d-dumping, imposti bir-Regolament (KE) Nru 1015/94 (kif sussegwentament emendat) skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (3) Fl-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000, il-Kunsill speċifikament eskluda mill-ambitu tad-dazju ta' kontra d-dumping, is-sistemi tal-kameras elenkti fl-Anness għal dan ir-Regolament ('l-Anness'), li jirrappreżenta sistemi tal-kameras professjonal ta' livell għoli li teknikament jaqgħu fis-sens tat-tifsira tal-prodott taħt l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, iżda li ma jistgħux jitqiesu bħala sistemi ta' kameras tat-television.

<sup>1</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

<sup>2</sup> ĠU L 111, 30.4.1994, p. 106. Regolament kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1754/2004 (ĠU L 313, 12.10.2004, p. 1).

<sup>3</sup> ĠU L 244, 29.9.2000, p. 38. Regolament kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1454/2005 (ĠU L 231, 8.9.2005, p. 1).

- (4) Il-Kummissjoni, permezz tan-notifika tad-29 ta' Settembru 2005<sup>4</sup>, tat bidu għal reviżjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000 li impona l-miżuri ta' kontra d-dumping fis-seħħ fuq importazzjonijiet ta' TCS li joriġinaw mill-Ġappun.
- (5) Il-Kummissjoni permezz tan-notifika tat-18 ta' Mejju 2006, nediet proċeduri ta' kontra d-dumping li jikkonċernaw l-importazzjonijet ta' ċertu sistemi ta' kameras li joriġinaw mill-Ġappun skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Bil-ħsieb li l-ambitu tal-prodott ta' dawn il-proċeduri jinkludu l-prodotti li huma soġġetti għall-miżuri tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000, il-Kummissjoni nediet ukoll permezz ta' din in-notifika tat-18 ta' Mejju 2006, reviżjoni, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, tal-miżuri eżistenti. L-investigazzjonijiet imsemmija fil-premessi (4) u (5) għadhom għaddejjin.

## **B. INVESTIGAZZJONI LI GĦANDHA X'TAQSAM MAL-MUDELLI ĠODDA TA' SISTEMI TA' KAMERAS PROFESSJONALI**

### **1. Il-Proċedura**

- (6) Produttur esportatur wieħed Ġappuniż, Hitachi Denshi (Europa) GmbH ('Hitachi') informa lill-Kummissjoni li kien intenzjonat jintroduċi mudell ġdid ta' sistemi tal-kameras professjonal fis-suq tal-Komunità u talab lill-Kummissjoni sabiex iżżejjid dan il-mudell ġdid ta' sistema tal-kameras professjonal ma' l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2042/2000 u b'hekk teżentah mill-ambitu tad-dazji ta' kontra d-dumping.
- (7) Il-Kummissjoni infurmat b'dan lill-industrija tal-Komunità u tat bidu għal investigazzjoni limitata sabiex turi jekk il-prodott meqjus jaqax fl-ambitu tad-dazji ta' kontra d-dumping u jekk il-parti operattiva tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2042/2000 għandhiex tiġi emenda skond dan.

### **2. Mudell taħt investigazzjoni**

- (8) Ir-rikjesta għall-eżenzjoni waslet għal dan il-mudell ta' sistema tal-kameras li ġej u kien fornit bit-tagħrif tekniku rilevanti:

*Hitachi:*

- Camera head V-35W.

Dan il-mudell kien ippreżentat bħala mudell suċċessur li huwa digħi eżentat V-35 *camera head*.

### **3. Sejbiet**

- (9) Il-camera head V-35W jaqa' fi ħdan id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2042/2000. Madanakollu, kif ġara bil-mudell predeċessur tiegħu, jintuża prinċipalment fl-applikazzjonijiet professjonal u ma jinbiegħx mas-sistema *triax* korrispondenti jew *adaptor* fis-suq tal-KE.

---

<sup>4</sup>

ĠU C 239, 29.9.2005, p. 9.

- (10) Għalhekk, ġie konkluż li għandu jitqies bħala sistema tal-kamera professjonali fis-sens tat-tifsira ta' l-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000. B'rizzultat ta' dan, għandu jiġi eskluż mill-ambitu tal-miżuri eżistenti ta' kontra d-dumping u jiżdied ma' l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2042/2000.
- (11) Skond il-prassi stabbilita ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-mudell il-ġdid għandu jiġi eżentat mid-dazju ta' kontra d-dumping mid-data li fiha s-servizzi tal-Kummissjoni rċevew it-talba rilevanti għall-eżenzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet kollha tal-kameras li ġejjin importati fil-11 ta' April 2006 jew wara għandhom jiġu eżentati mid-dazju ta' kontra d-dumping minn din id-data:

Hitachi:

- Camera head V-35W

#### **4. Tagħrif tal-partijiet interessati u konklużjonijiet**

- (12) Il-Kummissjoni infurmat lill-industrija tal-Komunità u l-esportatur produttur tat-TCS bis-sejbiet tagħha u pprovidiethom b'opportunità li jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom. L-ebda waħda mill-partijiet ma oġġezzjonat għas-sejbiet tal-Kummissjoni.
- (13) Fid-dawl ta' dak li jisemma hawn fuq, qiegħed jiġi propost li jiġi emendat l-Anness tar-Regolament tal-Kunsill Nru 2042/2000 kif jixraq.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2042/2000 se jinbidel bl-Anness ta' hawnhekk.

#### *Artikolu 2*

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
2. Dan ir-Regolament għandu jaapplika għall-importazzjonijiet tal-mudell li ġej, prodott u esportat lejn il-Komunità minn dan il-produttur esportatur:  
Hitachi mill-11 ta' April 2006
  - Camera head V-35W.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## ANNESS

Lista ta' sistemi tal-kameras profesjonali li mhumiex kwalifikati bħala sistemi tal-kameras profesjonali (sistemi tal-kameras tax-xandir), li huma eżentati mill-miżuri

Isem il-kumpanija	Camera heads	Viewfinder	Unità tal-kontroll tal-kamera	Unità operazzjona li tal-kontroll	Unità prinċipali tal-kontroll - Master control unit	Adapters tal-kamera
Sony	DXC-M7PK	DXF-3000CE	CCU-M3P	RM-M7G	—	CA-325P
	DXC-M7P	DXF-325CE	CCU-M5P	RM-M7E(1)		CA-325AP
	DXC-M7PH	DXF-501CE	CCU-M7P			CA-325B
	DXC-M7PK/1	DXF-M3CE	CUU-M5AP <sup>(1)</sup>			CA-327P
	DXC-M7P/1	DXF-M7CE				CA-537P
	DXC-M7PH/1	DXF-40CE				CA-511
	DXC-327PK	DXF-40ACE				CA-512P
	DXC-327PL	DXF-50CE				CA-513
	DXC-327PH	DXF-601CE				VCT-U14 <sup>(1)</sup>
	DXC-327APK	DXF-40BĊE				
	DXC-327APL	DXF-50BĊE				
	DXC-327AH	DXF-701CE				
	DXC-537PK	DXF-WSCE <sup>(1)</sup>				
	DXC-537PL	DXF-801CE <sup>(1)</sup>				
	DXC-537PH	HDVF-C30W				
	DXC-537APK					
	DXC-537APL					
	DXC-537APH					
	EVW-537PK					
	EVW-327PK					
	DXC-637P					
	DXC-637PK					

	DXC-637PL					
	DXC-637PH					
	PVW-637PK					
	PVW-637PL					
	DXC-D30PF					
	DXC-D30PK					
	DXC-D30PL					
	DXC-D30PH					
	DSR-130PF					
	DSR-130PK					
	DSR-130PL					
	PVW-D30PF					
	PVW-D30PK					
	PVW-D30PL					
	DXC-327BPF					
	DXC-327BPK					
	DXC-327BPL					
	DXC-327BPH					
	DXC-D30WSP <sup>(1)</sup>					
	DXC-D35PH <sup>(1)</sup>					
	DXC-D35PL <sup>(1)</sup>					
	DXC-D35PK <sup>(1)</sup>					
	DXC-D35WSPL <sup>(1)</sup>					
	DSR-135PL <sup>(1)</sup>					
Ikegami	HC-340	VF15-21/22	MA-200/230	RCU-240	—	CA-340
	HC-300	VF-4523	MA-200A <sup>(1)</sup>	RCU-390 <sup>(1)</sup>		CA-300
	HC-230	VF15-39	MA-400 <sup>(1)</sup>	RCU-400 <sup>(1)</sup>		CA-230

	HC-240	VF15-46 <sup>(1)</sup>	CCU-37	RCU-240A		CA-390
	HC-210	VF5040 <sup>(1)</sup>	CCU-10			CA-400 <sup>(1)</sup>
	HC-390	VF5040W <sup>(1)</sup>				CA-450 <sup>(1)</sup>
	LK-33					
	HDL-30MA					
	HDL-37					
	HC-400 <sup>(1)</sup>					
	HC-400W <sup>(1)</sup>					
	HDL-37E					
	HDL-10					
	HDL-40					
	HC-500 <sup>(1)</sup>					
	HC-500W <sup>(1)</sup>					
Hitachi	SK-H5	GM-5 (A)	RU-C1 (B)	—	—	CA-Z1
	SK-H501	GM-5-R2 (A)	RU-C1 (D)			CA-Z2
	DK-7700	GM-5-R2	RU-C1			CA-Z1SJ
	DK-7700SX	GM-50	RU-C1-S5			CA-Z1SP
	HV-C10	GM-8A <sup>(1)</sup>	RU-C10 (B)			CA-Z1M
	HV-C11	GM-9 <sup>(1)</sup>	RU-C10 (C)			CA-Z1M2
	HV-C10F	GM-51 <sup>(1)</sup>	RC-C1			CA-Z1HB
	Z-ONE (L)		RC-C10			CA-C10
	Z-ONE (H)		RU-C10			CA-C10SP
	Z-ONE		RU-Z1 (B)			CA-C10SJA
	Z-ONE A (L)		RU-Z1 (C)			CA-C10M
	Z-ONE A (H)		RU-Z1			CA-C10B
	Z-ONE A (F)		RC-C11			CA-Z1A <sup>(1)</sup>
	Z-ONE A		RU-Z2			CA-Z31 <sup>(1)</sup>

Z-ONE B (L)		RC-Z1			CA-Z32 <sup>(1)</sup>
Z-ONE B (H)		RC-Z11			CA-ZD1 <sup>(1)</sup>
Z-ONE B (F)		RC-Z2			CA-Z35 <sup>(1)</sup>
Z-ONE B		RC-Z21			EA-Z35 <sup>(1)</sup>
Z-ONE B (M)		RC-Z2A <sup>(1)</sup>			
Z-ONE B (R)		RC-Z21A <sup>(1)</sup>			
FP-C10 (B)		RU-Z3 <sup>(1)</sup>			
FP-C10 (C)		RC-Z3 <sup>(1)</sup>			
FP-C10 (D)		RU-Z35 <sup>(1)</sup>			
FP-C10 (G)		RU-3300N <sup>(1)</sup>			
FP-C10 (L)					
FP-C10 (R)					
FP- C10 (S)					
FP-C10 (V)					
FP-C10 (F)					
FP-C10					
FP-C10 A					
FP-C10 A (A)					
FP-C10 A (B)					
FP-C10 A (C)					
FP-C10 A (D)					
FP-C10 A (F)					
FP-C10 A (G)					
FP-C10 A (H)					
FP-C10 A (L)					
FP-C10 A (R)					
FP-C10 A (S)					

	FP-C10 A (T) FP-C10 A (V) FP-C10 A (W) Z-ONE C (M) Z-ONE C (R) Z-ONE C (F) Z-ONE C HV-C20 HV-C20M Z-ONE-D Z-ONE-D (A) Z-ONE-D (B) Z-ONE-D (C) Z-ONE.DA <sup>(1)</sup> V-21 <sup>(1)</sup> V-21W <sup>(1)</sup> V-35 <sup>(1)</sup> DK-H31 <sup>(1)</sup> <b>V-35W<sup>(1)</sup></b>					
Matsushita	WV-F700 WV-F700A WV-F700SHE WV-F700ASHE WV-F700BHE WV-F700ABHE WV-F700MHE	WV-VF65BE WV-VF40E WV-VF39E WV-VF65BE (*) WV-VF40E (*) WV-VF42E WV-VF65B	WV-RC700/B WV-RC700/G WV-RC700A/B WV-RC700A/G WV-RC36/B WV-RC36/G WV-RC37/B	—	—	WV-AD700SE WV-AD700ASE WV-AD700ME WV-AD250E WV-AD500E (*) AW-AD500AE AW-AD700BSE

	WV-F350 WV-F350HE WV-F350E WV-F350AE WV-F350DE WV-F350ADE WV-F500HE (*) WV-F-565HE AW-F575HE AW-E600 AW-E800 AW-E800A AW-E650 AW-E655 AW-E750 AW-E860L AK-HC910L AK-HC1500G	AW-VF80	WV-RC37/G WV-CB700E WV-CB700AE WV-CB700E (*) WV-CB700AE (*) WV-RC700/B (*) WV-RC700/G (*) WV-RC700A/B (*) WV-RC700A/G (*) WV-RC550/G WV-RC550/B WV-RC700A WV-CB700A WV-RC550 WV-CB550 AW-RP501 AW-RP505 AK-HRP900 AK-HRP150			
JVC	KY-35E KY-27ECH KY-19ECH KY-17FITECH KY-17BECH KY-F30FITE KY-F30BE	VF-P315E VF-P550E VF-P10E VP-P115E VF-P400E VP-P550BE VF-P116E VF-P116WE <sup>(1)</sup>	RM-P350EG RM-P200EG RM-P300EG RM-LP80E RM-LP821E RM-LP35U RM-LP37U	—	—	KA-35E KA-B35U KA-M35U KA-P35U KA-27E KA-20E KA-P27U

	KY-F560E KY-27CECH KH-100U KY-D29ECH KY-D29WECH <sup>(1)</sup>	VF-P550WE <sup>(1)</sup>	RM-P270EG RM-P210E			KA-P20U KA-B27E KA-B20E KA-M20E KA-M27E
Olympus	MAJ-387N MAJ-387I		OTV-SX 2 OTV-S5 OTV-S6			
Camera OTV-SX						

(\* )Imsejħa wkoll master set up unit (MSU) jew master control panel (MCP).

(1) Mudelli eżentati bil-kondizzjoni li s-sistema tat-triax jew l-adapter tat-triax korrispondenti ma jinbigħux fis-suq tal-KE.